MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 9/2004

Antonia Sammut bil-karta ta' l-Identita'
Numru 88446G għan-nom u in rappreżentanza
ta' l-imsiefra Rita mart Clive Morris .

vs

L-avukat Dottor Aaron Attard Hili li b'degriet ta' l-1
ta' Novembru 1999 ġie maħtur kuratur deputat
sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer John Vella,
u b'degriet tal-1 ta' Lulju 2004 l-avukat Dottor
Anton Refalo ġie nominat Kuratur Deputat
Sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer John Vella .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li bih l-attriċi nomine talbet lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallasha l-ekwivalenti fi flus flus Maltin tas-somma ta' ħdax-il elf tmien mija u ħamsin dollaru Amerikan (US $ 11850) minnu dovuti bħala alimenti dwar uliedhom

Denise u Matthew u ċioe' kwantu għal erbat'elef sitt mija u ħamsin dollaru Amerikan (US $ 4650) bħala alimenti għal Denise dovuti għaż-żmien bejn it-tlettax (13) ta' April ta' l-elfejn (2000) u t-tnax (12) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002) u kwantu ghal sebat'elef u mitejn dollaru Amerikan (US $ 7200) bħala alimenti dwar Matthew għaż-żmien bejn it-tlettax (13) ta' april ta' l-elfejn (2000) u t-tnax (12) ta' April elfejn u erbgħa (2004) . Dan il-ħlas huwa dovut skond ftehim ta' separazzjoni magħmul l-Istati Uniti fis-sitta (6) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) lieam ftehim ġie inkorporat ukoll f'deċizjoni tan-New York State Supreme Court tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) .

Rat il-verbal tal-konvenut nomine l-Avukat Dottor Anton Refalo magħmul fis-seduta tas-17 ta' Frar 2005, fejn iddikjara li ma hux edott mil-fatti li taw lok għal dan l-Avviż, u fi kwalunkwe każ eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavit u dokumenti oħra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi nomine qed titlob li l-konvenut, kif rappreżentat, jiġi kkundannat iħallasha l-ammonti ndikati fl-Avviż rappreżentanti l-alimenti li ntrabat l-imsemmi John Vella li jħallas lil martu għal uliedu minuri Denise u Matthew, skond ftehim ta' separazzjoni li sussegwentement ġie wkoll inkorporat f'deċiżjoni tan-New York State Supreme Court tad-29 ta' Novembru 1995[1] .

Permezz ta' l-affidavit tagħha tad-29 ta' Diċembru 2005 Rita Morris, ġia mart l-imsemmi John Vella, kkonfermat illi sa dakinhar dawn l-ammonti kienu għadhom ma tħallsux, u li l-ex żewġha kien qed jirrifjuta li jħallas l-alimenti dovuti għal uliedu minuri, kif imfisser fl-istess affidavit .

[1] Ara Dok. C a fol.20 - 41 tal-process .

Fil-kawża preżenti, dan John Vella baqa' ma tax ir-raġunijiet tiegħu għaliex kien qed jirrifjuta li jagħmel dan il-ħlas, u dana minkejja illi l-kuratur tiegħu ipprova diversi drabi li jakkwista xi informazzjoni mingħandu dwar dan il-każ[2] .

F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex tilqa' t-talba attriċi li tirriżulta ġustifikata .
Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas lill-attriċi nomine s-somma ta' tlett elef seba' mija ħamsa u disgħin lira maltin (Lm3795), li tirrapreżenta l-ekwivalenti ta' ħdax-il elf tmien mija u ħamsin dollaru amerikan (U.S.$ 11,850) fi flus maltin bir-rata attwali tal-kambju ta' US $ 3.1225 = Lm 1, tat-22 ta' Gunju, 2007, dovuti minnu nomine bħala alimenti għall-ulied minuri ta' John Vella, u ċioe' kwantu għal erbat'elef sitt mija u ħamsin dollaru amerikan (U.S.$4650) bħala alimenti għal bintu Denise għaż-żmien bejn it-13 ta' April 2000 u t-12 ta' Novembru 2002, u kwantu għal sebat'elef u mitejn dollaru amerikan (U.S. $ 7200) bħala alimenti dwar ibnu Matthew għaż-żmien bejn it-13 ta' April 2000 u t-12 ta' April 2004 .

Bl-ispejjez u bl-imgħax skond il-liġi fuq dan l-ammont, mid-data ta' dan l-Avviż sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] ara ittra ta' John Vella a fol. 46 tal-process u dik tal-kuratur Dr. Anton Refalo a fol. 47 .